DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 16/2012

tal-10 ta' Frar 2012

li temenda l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IV mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 162/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/548/KE tat-30 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi mudell għall-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli skont id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 41 (id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IV mal-Ftehim:

"42. **32009 D 0548**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/548/KE tat-30 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi mudell għall-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli skont id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 182, 15.7.2009, p. 33).

Id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2009/548/KE, li għandhom jiġu ppubblikati bl-ilsien Islandiż u b'dak Norveġiż fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Frar 2012, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

([1]) ĠU L 76, 15.3.2012, p. 49.
([2]) ĠU L 182, 15.7.2009, p. 33.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.